A.L. 214 ta' l-1990

ATT TA' L-1981 DWAR IL-LOTTERIJI TAL-GVERN

(ATT NRU. XXIV TA' L-1981)

Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lotteriji tal-Gvern

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att ta' l-1981 dwar il-Lotteriji tal-Gvern, il-Ministru tal-Finanzi għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lotteriji tal-Gvern, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1981 dwar il-Lotteriji tal-Gvern, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 66 ta' l-1981.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1991.

Jissostitwixxi r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"*Bonus* lill-bejjiegħa ta' biljetti tal-lotterija.

8. Il-Ministru jista' jawtorizza lid-Direttur iħallas *bonus* jew *bonuses* lill-bejjiegħa u/jew aġenti kif u meta meħtieġ."